Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 790/2014/1

**Angelo Crocetta (appellat)**

**Vs**

**Global Home Limited (appellanti)**

18 ta' Gunju, 2018.

L-attur harrek lis-socjeta` konvenuta fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghall-hlas ta' tliet elef u tliet Euro (€3,003.00), ammont rapprezentanti bilanc dovut fuq valur ta' xoghlijiet relatati ma' kostruzzjoni u xoghol ta' gypsum ezegwiti minnu f'hanut gewwa San Gwann, fuq inkarigu socjeta` konvenuta.

Is-socjeta` konvenuta wiegbet li l-hlas mhuwiex dovut fosthom ghaliex l-ammont mitlub hu ezagerat, oltre li l-konvenuta gia` hallset lill-atturi ghax-xoghlijiet in kwistjoni s-somma ta' tliet elef u disa' mitt Euro (€3,900) u fi kwalunkwe kaz, l-attur ghadu ma kkompletax ix-xoghlijiet.

B'sentenza tal-24 ta' Frar 2017, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar laqa' t-talba tal-attur.

Is-socjeta` konvenuta appellat mis-sentenza. L-aggravji taghha huma lkoll ibbazati fuq l-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal.

Il-Qorti fehmet li l-vertenza tikkonsisti essenzjalment f'nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet (i) dwar dawk ix-xoghlijiet li l-attur gie orginarjament inkarigat li jaghmel u li kienu inkluzi fl-istima li huwa ta verbalment lis-socjeta` konvenuta, u dawk ix-xoghlijiet li ma kienux previsti u nqalghu wara, kif ukoll (ii) dwar il-prezz attwalment mitlub mill-attur ghal bosta mix-xoghlijiet ezegwiti, liema prezz is-socjeta` konvenuta tghid li huwa ezagerat.

It-Tribunal ghal Talbiet Zghar qies li l-verzjoni tal-attur kienet iktar kredibbli minn dik tas-socjeta` konvenuta u kkonkluda li l-istima originali moghtija verbalment mill-attur fis-somma ta' €3,500 kienet tinkludi zebgha u partitions biss, filwaqt li x-xoghlijiet addizzjonali li saru mill-attur kellu dritt jithallas ghalihom oltre l-istima originali. It-Tribunal, wara li ghamel ezercizzju ta' paragun bejn l-istima tal-attur u l-istima mhejjija mill-Perit Hector Zammit li gie inkarigat mill-konvenuta biex jistma x-xoghlijiet imwettqa mill-attur skont ir-rati fuq is-suq, accetta li l-valuri mitluba mill-attur fil-kont a fol. 3 tal-process, kienu gustifikati.

Fis-sentenza t-Tribunal ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet li wassluh ghad-decizjoni li jilqa' t-talba tal-attur u jordna lis-socjeta` konvenuta thallsu s-somma bilancjali ta' €3,003:-

- Illi gie ppruvat li s-socjeta` konvenuta inkarigat lill-attur jaghmel xoghol extra oltre dak miftiehem verbalment bejniethom.

- It-Tribunal accetta l-verzjoni tal-attur illi dan ix-xoghol zejjed inqala' wara li kien inbeda x-xoghol u ma kienx sar ftehim bejn il-partijiet dwar il-prezzijiet ta' dawn ix-xoghlijiet zejda, fosthom riparazzjoni tal-hajt wara li dan kellu jitkisser minhabba leak fil-pajp tal-airconditioning, sostituzzjoni ta' diversi pannelli tas-suffett tal-fond, u zewg bibien.

- Dwar id-diskrepanza ta' €1,281 bejn l-istima tal-attur u dik tal-Perit Zammit ghax-xoghol taz-zebgha fil-hanut, it-Tribunal osserva li in kwantu ghall-kolonni l-blu li kellhom jinzebghu abjad, filwaqt li l-istima tal-Perit hija bbazata fuq zewg passati zebgha tal-kolonni, huwa iktar verosimili li l-kolonni kellhom bzonn erba' passati zebgha biex jitghatta l-kulur blu fuq il-kolonni.

- Il-konvenuta gia` kellha f'idejha stima minghand il-bajjad taghha fl-Italja fis-somma komplessiva ta' €2,650, u ghalhekk kienet jaf li l-istima tal-attur kienet iktar gholja. Izda billi minkejja dan il-konvenuta ghazlet lill-attur biex jaghmel ix-xoghol u sahanistra tatu depozitu ta' €1,500, it-Tribunal ikkonkluda li kien hemm qbil mal-istima tal-attur ghax-xoghol ta' zebgha u partitions, liema stima hija ghalhekk gustifikata u ghandha tithallas.

- Ghalkemm hemm id-diskrepanza fis-somma ta' €496 bejn l-istima tal-attur u dik tal-Perit Zammit in kwantu l-partitions li kellhom isiru fil-fond, it-Tribunal innota li dan kien parti mix-xoghol miftiehem orginarjament u inkluz fl-istima originali ta' €3,500 li giet accettata mill-konvenuta minkejja li kellha stima orhos minn xi hadd li jifhem fl-Italja, u ghalhekk huwa dovut il-prezz totali li kien hemm qbil fuqu.

- Dwar xoghol fuq is-suffett u l-pannelli 60*60 mqieghdin fuqu, it-Tribunal qal li l-konvenuta ma gabet xejn provi biex tirribatti l-verzjoni tal-attur dwar ix-xoghol addizzjonali li kellu jsir biex titranga l-istruttura instabbli tas-suffett u ghalhekk ikkonkluda li l-istima tal-attur fil-prezz ta' €800 kien gustifikat, anke ghaliex dan il-prezz jinsab konfermat mill-Perit Zammit f'item 2 (*recte*. 1) tar-rapport tieghu.

- Dwar l-istima tal-bieb "eclipse" jirrizulta li hemm qbil bejn l-attur u l-Perit Zammit li dan jiswa €280, u hem qbil ukoll bejn l-istima ta' item 7 tar-rapport tal-Perit Zammit u item 5 tal-attur fis-somma ta' €250 ("smandellamento")

- It-Tribunal ma sab xejn esagerat fl-istima tal-attur fis-somma ta' €140 ghal xoghol ta' tibjid fil-gallarija tal-fond sovrastanti l-hanut *de quo*, anke ghaliex id-diskrepanza bejn din l-istima u dik tal-Perit Zammit hija ta' €32 biss.

- Item 7 "porta Bianca" fis-somma ta' €480 ma giex inkluz fl-istima tal-Perit Zammit, izda t-Tribunal ikkonkluda li dan il-bieb gie ordnat u sar u l-attur ghandu jithallas tieghu.

Il-Qorti qrat l-atti.

Ghal dak li jirrigwarda appell fuq punti ta' fatt, il-gurisprudenza hi cara. F'sentenza ricenti[1] l-Qorti tal-Appell (Superjuri) regghet ikkonfermat:

*"Il-Qorti terga' tfakkar kif ghamlet diversi drabi li fejn jidhol apprezzament tal-provi kif qalet din il-Qorti stess fil-kawza fl-ismijiet Phylis Ebejer vs Joseph Aquilina (10 ta' Jannar 1995 "il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti". Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet Joseph Cini v. George Wells (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissuggerixxu mod iehor*".

Ghalhekk, din il-Qorti:- *"... ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha jekk mhux ghal ragunijiet validi wara li din il-Qorti tkun ezaminat il-provi u l-ligi applikabbli u tikkonkludi li l-ewwel Qorti ma setghetx legalment jew ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha". (Borg v. Galea, Appell, 3 ta' Marzu 2011).*

*... ... ... pero` tapprezza wkoll li xorta hu d-dover taghha li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skond il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-akta ricenti u kostanti fil-materia* .

Illi fuq l-iskorta tal-gurisprudenza din il-qorti ezaminat il-provi. L-ilmenti tal-konvenuta huma li:

1. It-Tribunal lanqas ha in konsiderazzjoni l-eccezzjoni taghha li x-xoghlijet li ghamel l-attur ma kinux kollha kompluti.

2. It-Tribunal ma kienx korrett meta qal li hija tat l-istima tal-attur *"lil xi hadd li jifhem fl-Italja"* ghaliex hija diga` kellha stima f'idejha qabel kellmet mal-attur, u ddecidiet li tqabbad lill-attur minhabba ragunijiet ta' logistika u minhabba sinjal ta' gratitudni lejh ghall-ghajnuna tieghu fit-tfittxija tal-hanut, u mhux ghaliex kienet mghaggla biex tlesti x-xoghol fil-hanut.

3. Lanqas m'hija korretta l-konkluzjoni tat-Tribunal li wara li l-attur baghat il-kont, is-socjeta` konvenuta hallset is-somma ulterjuri ta' €1,600, ghaliex il-pagament akkont saru kollha qabel inghatat il-kont finali tax-xoghlijiet.

4. It-Tribunal ma hax in konsiderazzjoni l-principju li f'kaz li ma jsirx ftehim ad hoc jew ma jkunx hemm qbil dwar il-prezzijiet tal-appalt, ghandhom jigu applikati r-rati tas-suq, u tikkontendi li x-xoghol extra li inkarigat lill-attur iwettaq fil-fond kien jikkonsisti biss f'passata zebgha taht it-terrazzin tal-fond sovrastanti l-faccata tal-hanut u li jitpogga panel tal-gypsum

[1] **Josephine Agius vs Pius Theuma**, 26 ta' Jannar, 2018.

taht it-tarag peress li kien fond wisq. L-appellanti tikkontendi li mhux qed tikkontesta li ghandha thallas ghax-xoghol zejjed li sar, izda ma taqbilx li kien hemm iktar xoghol extra u fuq kollox trid thallas prezz gust:-

i. It-Tribunal ma kienx korrett meta accetta l-verzjoni tal-attur li wara li kien lesta hajt minnhom, kellu jerga' jaghmel il-hajt ghaliex il-hajt tkisser biex jissewwa pajp li kien ghaddej wara l-hajt.
ii. Kuntrarjament ghal dak li kkonkluda t-Tribunal, l-attur ma gabx provi dwar id-difett li jghid li kien hemm fl-istruttura tas-suffitt u li minhabba fih parti kbira kellha tigi msewwija. L-appellanti tghid ukoll li t-Tribunal kien zbaljat meta kkonkluda li c-caqliq tal-pannelli ma kienetx ippjanata mill-bidu ghaliex il-ftehim dejjem kien li l-pannelli mtebbghin jitpoggew fejn ma jidhrux u jitpoggew minflokhom ohrajn ta' dehra ahjar.
iii. L-appellanti ma taqbilx mal-konkluzjoni tat-Tribunal li l-stima ta' €140 ghat-tibjida tal-parti t'isfel tal-gallarija kienet gustifikata.
iv. L-attur kellu jissupplixxi bieb wiehed biss u mhux tnejn ghaliex l-iehor kellu semplicement jiccaqlaq u jitwahha x'imkien iehor. Inoltre, l-attur ma gabx prova tal-valur tal-bieb li effettivament inxtara minnu.

## **L-Ewwel Aggravju**

Is-socjeta` konvenuta tghid li t-Tribunal ma hax in konsiderazzjoni l-fatt li x-xoghlijiet ma kinux kompluti. Din kienet wahda mill-eccezzjonijiet li tat fit-twegiba li pprezentat fit-Tribunal u fir-rigward, xehed il-Perit Hector Zammit, inkarigat mill-appellanti :-

*"… kien baqa' xi xoghlijiet li kien ghadhom mhux lesti. Il-maggioranza tax-xoghol (ha nkun ghedt kollox) kienu kwazi lesti, ha nghid, kienu lesti. Pero` kien baqa' xi items jekk niftakar sewwa … kien baqa' bieb li kien ghadu ma twahhalx. Kien hemm diversi madum tas-soffitt li biex niftiehmu li kienu ghadhom ma tbiddlux. Kien hemm certu sfumaturi ma' diversi bibien u twieqi u anke mas-saqaf ta' circpis ta' zebgha, nuqqas ta' mili ta' fili fejn il-bibien etc., affarijiet bhal dawn li kienu ghadhom ma humiex kompluti".*

L-attur fl-affidavit xehed illi l-uniku xoghol li ghad fadal li jsir hi s-serratura tal-bieb. Spjega li huwa ma lestiex dan ix-xoghol ghaliex id-dirigenti tal-appellanti rrifjutaw li jhallsuh il-kumplament tal-prezz pretiz minnu u qalulu biex ma jersqax iktar lejn il-hanut.

Evidentement, m'hemmx qbil bejn il-partijiet dwar ix-xoghol li ma tlestiex, izda l-Qorti hi propensa taghti piz lill-osservazzjonijiet teknici tal-perit Hector Zammit u tosserva mix-xhieda jirrizulta li dawn huma fil-bicca l-kbira *snagging works*, hlief forsi in kwantu jikkoncerna numru ta' *boards* tas-suffett tal-hanut li kien ghadu ma tpoggiex. Fic-cirkostanzi, ghalkemm ma tressqitx prova dwar il-valur ta' dan ix-xoghol minimu li ghad jonqos x'isir biex l-inkarigu tal-attur jitqies li huwa komplut, il-Qorti hija tal-fehma li t-Tribunal ma kienx gustifikat li jwarrab din il-konsiderazzjoni u seta' facilment jezercita d-diskrezzjoni ekwitattiva tieghu biex jasal ghal cifra rapprezentanti x-xoghol mhux komplut, liema ammont jitnaqqas mill-kont finali tal-attur.

Ghalhekk dan l-aggravju sejjer jintlaqa` b'dan li l-qorti tillikwida l-ammont rapprezentanti l-valur tax-xoghlijiet mhux kompluti wara li tqis l-aggravji l-ohra tal-appellanti.

## It-Tieni Aggravju

L-appellanti tilmenta li t-Tribunal ma kienx korrett meta qal li, *"….. l-istima tal-Appellat nghatat lil 'xi hadd li jifhem fl-Italja'"*. Fis-sentenza jinghad:

*"**Saret stima lis-Socjeta attrici tant li r-rapprezentant taghha kien ghaddiha lil xi hadd jifhem fl-Italja u li ghalkemm qallu li hija ghalja**, xorta inkariga lill-attur ghax kien mghaggel biex jiftah l-hanut tant li ghaddielu s-somma ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) akkont".*

Hu fatt li mill-provi ma jirrizultax li l-appellanti nghatat stima u talbet parir dwarha lill-persuna li kienet barra minn Malta. F'kull kaz minn qari tas-sentenza ma jirrizultax li dik l-osservazzjoni kienet raguni ghalfejn it-Tribunal laqa' t-talba tal-attur.

## It-Tielet Aggravju

L-appellanti lmentat ukoll li t-Tribunal ma kienx korrett meta qal li l-ahhar pagament ta' €1,600 sar wara li l-appellat baghat il-kont. Dwar dan it-Tribunal qal:

*"…. wara li hu baghat lis-socjeta konvenuta dan il-kont li sa dakinhar thallas …………., is-Socjeta konvenuta kienet ghamlet depozitu iehor ta' elf u sitt mitt ewro (€1,600) u ghalhekk baqa' il-bilanc meritu ta' din il-kawza".*

Gianfranco Vitale u Biagio Zago xehedu li s-somma ta' €1,600 thallset filghodu fid-29 ta' Awwissu 2014 u iktar tard dakinhar Crocetta ta l-kont. Irrispettivament jekk il-pagament ta' €1,600 sarx qabel jew wara li l-appellanti nghatat id-dokument, mis-sentenza hu evidenti li dik ic-cirkostanza ma kinitx raguni li wasslet lit-Tribunal biex jilqa' t-talba tal-attur.

## Ir-Raba' Aggravju

L-appellanti tilmenta bid-decizjoni tat-Tribunal li jaccetta l-verzjoni tal-attur li l-istima originali tieghu kienet tinkludi biss xoghol ta' zebgha u partitions. Tghid li x-xoghol extra li hija inkarigat lill-attur biex iwettaq kien jikkonsisti esklussivament f'passata zebgha taht it-terrazzin tal-fond sovrastanti l-faccata tal-hanut u li jitpogga panel tal-gypsum taht it-tarag peress li kien fond wisq. Tissokta tghid li dawn l-extra works gew valutati mill-attur innifsu fis-somma ta' €400, u jekk m'hemmx qbil, kellha ssir stima tax-xoghlijiet extra abbazi tar-rati tas-suq u mhux thallas dak li jidhrilu l-attur li ghandu jithallas ghal xogholu.

L-appellanti tghid li ma taqbilx lanqas li kien hemm qbil fuq l-istima moghtija mill-attur ghax-xoghlijiet. Kien hemm qbil biss li jsiru x-xoghlijiet li gew indikati minn Gianfranco Vitale fl-affidavit tieghu, u ma taqbilx li hija accettat stima ta' €3,500 biss ghal xoghol ta' zebgha u partitions. L-appellanti tinsisti li l-istima li kellha minghand il-bajjad taghha fl-Italja kienet

ghall-istess xoghol li ezegwixxa l-attur u ma kienetx limitata ghax-xoghol ta' zebgha u partitions, oltre li mhux minnu li hija qatt inghatat parir li l-istima tal-attur kienet gholja.

Il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:-

Il-fatt li zewg partijiet jaghtu zewg verzjonijiet li huma ghal kollox opposti ghal xulxin ma jfissirx li t-talba tal-attrici ghandha tigi michuda. Hu d-dmir tal-qorti li jiddetermina liema verzjoni mit-tnejn hi l-iktar kredibbli, u hekk gara f'dan il-kaz. It-Tribunal qies li abbazi tal-provi, ghandu jemmen lill-attur.

L-appellanti ma tatx raguni li tikkonvinci lil din il-qorti biex tikkonkludi li t-Tribunal ma kellu qatt jasal ghal dik il-konkluzjoni. L-attur kien konsistenti fil-verzjoni tieghu li huwa ta stima limitatament ghax-xoghol ta' zebgha u partitions, liema stima ma kienetx ibbazata fuq xi rati izda kienet imqassma in kwantu ghal €2,350 ghax-xoghol taz-zebgha inkluz materjal u in kwantu ghal €1,550 ghall-partitions u dan il-prezz gie accettat mill-appellanti. L-argument tal-appellanti f'dan l-aggravju li ghandhom japplikaw ir-rati tas-suq ghax-xoghlijiet ezegwiti mill-attur, jista' ghalhekk isib riskontru biss in kwantu dawk ix-xoghlijiet li l-attur jghid li huma extra u li l-htiega ghalihom inqalghet wara u ma sarx ftehim dwar il-prezz taghhom.

Id-decizjoni tat-Tribunal li jaghti affidabbilita` lill-verzjoni attrici illi l-istima verbali tieghu fis-somma komplessiva ta' €3,500 kienet tikkomprendi biss ix-xoghol ta' zebgha u partitions, hija msejsa fuq il-fatt illi s-socjeta` konvenuta tghid li diga` kellha f'idejha stima mill-bajjad tal-fiducja taghha gewwa l-Italja, u din l-istima kienet fis-somma ta' €2,650 pju` V.A.T, izda minkejja dan hija xorta wahda ghazlet l-istima tal-attur. Din il-Qorti tosserva fir-rigward li ghalkemm Gianfranco Vitale xehed fl-affidavit tieghu li din l-istima tal-bajjad Taljan kienet tinkludi x-xoghlijiet kollha li jghid li huwa indika lill-attur u li kellhom ikunu inkluzi fl-istima inizjali tal-istess attur, ma tqisx li huwa verosimili li setghet tinghata stima mill-bajjad Taljan abbazi ta' ritratti u pjanti biss, li tikkomprendi kull bicca xoghol indikata fl-Affidavit ta' Vitale, fosthom xoghlijiet fin-natura ta' tiswijiet bhlama huma t-tibdil ta' xi pannelli mtebbghin tas-suffit, verifika ta' tebgha fuq il-hajt minhabba l-pajp tal-airconditioning u alzament ta' targa, multo magis meta r-ritratti li kellha f'idejha l-appellanti tal-hanut fl-istat originali tieghu, ma jurux l-ambjenti kollha tal-hanut. Ghalhekk, meta l-appellanti tghid li l-istima tat-Taljan saret abbazi ta' pjanta u ritratti biss minghajr ma lanqas saret spezzjoni vizwali tal-post, wiehed jifhem li dik l-istima, jekk verament saret, ma setghetx tkopri hlief ix-xoghol principali biss, ossia zebgha u partitions tal-gypsum, bhalma kienet tkopri l-istima inizzjali tal-attur.

Konformament ma' dan, meta l-appellanti ghazlet l-istima tal-attur avolja kienet iktar gholja minn dik tal-bajjad Taljan, il-Qorti tifhem li billi l-istima tal-bajjad Taljan ma setghetx, ragjonevolment, tikkomprendi hlief ix-xoghol ta' zebgha u partitions li kienu x-xoghlijiet principali li kellhom isiru fil-hanut, it-Tribunal kien gustifikat jemmen il-verzjoni tal-attur li l-istima tieghu kienet tikkomprendi biss zebgha u partitions u x-xoghol l-iehor kollu kien extra.

L-appellanti tilmenta ulterjorment li t-Tribunal ma hax in konsiderazzjoni l-principju li f'kaz li ma jsirx ftehim ad hoc jew ma jkunx hemm qbil dwar il-prezzijiet tal-appalt, ghandhom jigu applikati r-rati tas-suq. Izda, kif gia` stabbilit, it-Tribunal iddecieda li x-xoghlijiet kollha li saru oltre z-zebgha u partitions kienu xoghlijiet extra li ghalihom l-attur ghandu dritt jithallas

taghhom. Billi kif inghad, din il-Qorti ma tqisx li ghandha tiddisturba d-decizjoni tat-Tribunal fir-rigward, isegwi li r-rati tas-suq ghandhom japplikaw mhux ghax-xoghol ta' zebgha u partitions - ghaliex dan ix-xoghol gie stmat specifikatament mill-attur u l-istima giet acettata mill-konvenuta – izda biss ghax-xoghlijiet extra indikati fil-kont tal-attur.

Billi jirrizulta li ma kienetx zbaljata d-decizjoni tat-Tribunal li jqis li l-appellanti accettat l-istima tal-attur fis-somma ta' €3,500 ghax-xoghol taz-zebgha u partitions biss, il-Qorti tifhem li d-diskrepanza li tirrizulta bejn l-istima tal-Perit Hector Zammit in kwantu jirrigwarda dan ix-xoghol partikolari (items 1, 3 u 4 ), u l-prezz mitlub fil-kont finali tal-attur (item 1 u 2 ), ma hijiex daqstant relevanti u ma kienx hemm htiega li din id-diskrepanza tigi gustifikata. Konformament, lanqas ma ghandha daqshekk relevanza – ghalkemm hawnhekk ghandha ragun l-appellanti – il-fatt li t-Tribunal ma kienx korrett meta qies li l-kalkolu tal-Perit Hector Zammit dwar iz-zebgha tal-kolonni l-blu kien ibbazat fuq zewg passati ta' zebgha biss minflok erbgha.

**<u>Xoghol Extra</u>**

**Tkissir tal-Hajt**

L-appellanti tilmenta li t-Tribunal zbalja meta accetta l-verzjoni tal-attur li wara li kien lesta hajt minnhom, kellu jerga' jaghmel il-hajt ghaliex dan tkisser biex jissewwa pajp ghaddej wara l-hajt li kien qed inixxi l-ilma. Issostni li x-xoghol ta' tiswija kien diga` sar minn technician qabel l-attur hadem fuq il-hajt, u tghid ukoll li huwa evidenti mir-ritratti li hija esebiet fl-atti, li kien hemm tebgha fuq il-hajt li tindika li kien hemm problema ta' ilma wara l-hajt, mill-bidu nett qabel kriet il-hanut. Abbazi t'hekk, tikkontendi li l-attur ma messu qatt bajjad l-hajt qabel kien cert li l-problema giet rangata.

Il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa kontradittorju. L-appellanti tibda billi tilmenta li mhux minnu li l-attur kellu jerga' jaghmel ix-xoghol fuq il-hajt wara li dan tkisser biex jissewwa pajp tal-airconditioning li kien qed inixxi l-ilma, ghaliex il-problema tal-ilma kienet diga` msewwija qabel l-attur beda jahdem, izda fl-istess nifs taghmel referenza ghal ritratti tal-post li ttiehdu qabel l-attur beda x-xoghlijiet li juru li l-hajt kien imtebba' bl-ilma u l-attur ma messux hadem fuq il-hajt qabel il-problema tal-ilma issewwiet.

Ghalkemm huwa minnu li fir-ritratti esebiti mill-appellanti qabel beda x-xoghol fil-hanut, huwa evidenti li l-hajt in kwistjoni kien imtebba' bl-umdita`, it-tebgha li tidher fir-ritratti esebiti mill-attur (Dok. AC2) li juru l-hajt wara li dan gie mizbugh, tidher li hija friska. Dan jimmilta kontra, anzi jeskludi l-verzjoni tal-appellanti li l-problema fil-pajp kienet issewwiet qabel l-attur hadem fuq il-hajt, ghaliex inkella ma kienx jerga' johrog l-ilma u jtebba' l-hajt. Il-Qorti tosserva wkoll li ghalkemm l-appellanti tinsisti li l-problema fil-hajt kienet identifikata u skedata li tissewwa qabel l-attur gie inkarigat bix-xoghol fil-hanut, il-Qorti tqis li l-konvenuti ma ressqux prova biex juru li l-problema tal-pajp kienet issewwiet qabel l-attur beda x-xoghol fuq il-hajt. Barra minn hekk, jekk verament il-problema fl-airconditioning kienet identifikata u stmata mill-appellanti meta qabbdet lill-attur bl-inkarigu li jbajjad il-hitan, il-Qorti ssibha difficli temmen li l-appellanti qabdet technician biex issewwi l-pajp tal-airconditioning wara li l-gypsum tal-hajt kien diga` mqieghed u mizbugh u mhux qabel, u

daqstant issibha difficli temmen kif l-attur, jekk skont l-appellanti huwa kien konxju tal-problema, lesta x-xoghol fuq il-hajt qabel saru t-tiswijiet tal-pajp ghaddej wara l-hajt.

Barra minn hekk, il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll li ghalkemm l-appellanti tikkontesta li ghandha thallas ghal xoghol zejjed li sar minhabba t-tkissir tal-hajt biex jitranga l-pajp in kwistjoni ghaliex tghid li t-tiswija tal-pajp sar qabel u mhux wara li l-attur bajjad il-hajt, jirrizulta li hija xorta wahda inkludiet dan ix-xoghol bhala xoghol li sar mill-attur fil-hanut u li talbet lill-perit ex parte imqabbad minnha tivvalutah . Meta xehed in kontro-ezami, l-istess Perit Hector Zammit xehed hekk :-

*"U rigward il-hsara li semmejt imhabba [recte. minhabba] illi kien hemm xi pipe illi illikja … dik inkluza, fil-fatt qieghda f'item 2 supply and fix gypsum board including finish. Dika inkluza man-number 2. Hawnhekk ghamilt referenza ghaliha".*

Fl-assjem tal-provi mressqa dwar din il-kwistjoni, il-Qorti tqis li t-Tribunal kien gustifikat li jaghti affidabbilita` lill-verzjoni tal-attur. Wara kollox, l-attur xehed illi ghalkemm it-tebgha fuq il-hajt kienet evidenti mill-bidu, din kienet tebgha antika ta' moffa niexfa, u l-ilma beda hiereg mill-hajt biss wara li lesta x-xoghol fuq il-hajt, meta d-dirigenti tal-appellanti xeghlu l-airconditioning. Jghid li kien hawn li l-problema giet identifikata fil-pajp tal-ilma tal-airconditioning ghaddej wara l-hajt, ghaliex l-airconditioners qatt ma kienu nxteghlu qabel. Din il-verzjoni hija affidabbli tenut kont ukoll tal-fatt li jirrizulta mill-provi li l-attur spezzjona l-hanut flimkien mad-dirigenti tas-socjeta` konvenuta fit-18 ta' Gunju 2014 immedjatament wara li huma kisbu c-cwievet tal-fond minghand is-sid, u darb'ohra fil-25 ta' Gunju 2014 ezatt wara li gie ffirmat il-ftehim ta' kiri mas-sid – ghalhekk m'huwex daqshekk attendibbli li l-problema fil-hajt setghet diga` giet identifikata u stmata qabel ("preventivata prima").

## Pannelli tas-Suffett

Din il-qorti tqis li d-decizjoni tat-Tribunal li jemmen il-verzjoni tal-attur li x-xoghlijiet li saru oltre z-zebgha u partitions kienu kollha xoghlijiet zejda li gie inkarigat bihom jew li nqalghu, wara, hija konfortata wkoll mill-fatt li ghalkemm l-appellanti tghid li l-uniku xoghol zejjed li inkarigat lill-attur iwettaq oltre x-xoghlijiet indikati originarjament, kien iz-zebgha taht it-terrazzin u bicca gypsum taht it-tarag, jirrizulta kjarament li nqala' xoghol zejjed u mhux previst mill-bidu. Filwaqt li x-xhud Gianfranco Vitale xehed fl-affidavit tieghu li kienu biss madwar ghaxar pannelli tas-suffett li kellhom jigu sostitwiti, jirrizulta li effettivament kellhom jinbidlu ferm iktar pannelli fil-kors tax-xoghlijiet, u dan skont kif jirrizulta mix-xhieda tal-Perit Zammit li qal:-

"U fuq li qalli l-klijent li kienu biddlu bejn 20 u 30 maduma. Li nbiddlu nifhimha li nbiddlu godda jigifieri twahhlu godda."

Huwa minnu li ma sarx ftehim dwar il-valur dawn ix-xoghlijiet addizzjonali, izda huwa wkoll minnu li dawn gew stmati mill-Perit ex parte tal-appellanti li prattikalment ikkonferma l-istima tal-attur ta' xoghlijiet li kienu extra . Fir-rigward, il-Qorti tosserva li ghax-xoghlijiet fis-suffett u tibdil tal-pannelli, il-Perit ex parte tal-appellanti kkonferma l-istima fil-kont tal-attur, fis-somma ta' €800. Minn dan isegwi illi l-ilment ulterjuri li ghamlet l-appellant dwar

in-nuqqas tal-attur li jressaq prova li l-istruttura tas-suffett kellha bzonn titranga, m'huwiex f'loku.

## Tibjid tat-Terrazzin

L-appellanti tilmenta wkoll li l-istima tal-attur tax-xoghol ta' tibjid tal-qiegh tat-terrazzin sovrastanti l-faccata tal-hanut, fis-somma ta' €140 mhuwiex gustifikat u t-Tribunal ma kellux jaccetta li d-differenza ta' €32 fl-istima tal-attur hija dovuta lilu. Fir-rigward, ma jirrizultax li dan l-ilment fih xi mertu – id-diskrepanza tant hija minima li din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tat-Tribunal fl-ezercizzju tas-setghat ekwitattivi tieghu.

## Bibien

L-istess jinghad fil-kaz tal-bieb li l-appellanti tghid li l-attur kien inkarigat jissupplixxi wiehed biss u mhux tnejn. Fir-rigward, il-Qorti tosserva li fil-kont tal-attur a fol. 3 hemm indikat f'item 7 *"porta a scomparsa da 1m compreso istallazione"*, bil-valur ta' €480, liema item ma jidhrix fir-rapport tal-Perit Zammit.

Huwa minnu li Gianfranco Vitale jikkonferma fl-affidavit tieghu li huwa ordna sliding door li kellu wkoll jigi istallat mil-attur, u li in kwantu ghall-bieb l-iehor, dan kellu biss jinqala' minn hajt wiehed u jitpogga f'hajt iehor. Madanakollu, il-Perit ex parte tieghu ma jsemmi l-ebda sliding door, u billi l-istima tal-bieb li l-Perit jghid li gie istallat fil-hanut hija fl-istess ammont ta' item 3 fil-kont tal-attur , il-Qorti taqbel li dawn jirreferu ghall-istess bieb. Din il-konkluzjoni hija rinforzata mix-xhieda ta' Biagio Zago li semma zewg bibien fid-depozizzjoniet tieghu: l-isliding door li skont Gianfranco Vitale kellu jsir gdid, u bieb iehor:-
"… [fis-16 ta' Lulju] jonqos biss it-targa, li titwahhal sliding door kif ukoll li jitwahhal il-bieb il-gdid".

Imbaghad, l-istess xhud Zago jissokta jixhed li l-attur mar fuq il-post iwahhal il-bieb fit-8 ta' Ottubru 2014 – dan fil-fehma tal-Qorti jikkonforta l-verzjoni tal-attur li kien hemm zewg bibien li u li ghalhekk l-istima tal-attur tal-bieb fis-somma ta' €480, hija gustifikata bhalma hija wkoll gustifikata d-decizjoni tat-Tribunal li jaccetta l-istess stima.

Fic-cirkostanzi l-Qorti tikkonkludi li mhemmx ragunijiet gravi li jistghu jwasslu li din l-istess Qorti biex tikkonkludi li t-Tribunal ma kellux jiddeciedi bil-mod li ddecieda, lanqas fir-rigward tax-xoghlijiet addizzjonali.

Madanakollu, kif gia` stabbilit fil-konsiderazzjoni tal-ewwel aggravju, din il-Qorti tqis li billi x-xoghlijiet kollha ma kienux lesti ghalkemm l-attur hareg il-kont finali tax-xoghlijiet u pproceda b'din il-kawza ghall-hlas abbazi ta' dan l-istess kont, huwa xieraq li jigi likwidat ammont li jirrapprezenta l-valur tax-xoghlijiet mhux kompletati. Wara li rat ix-xhieda tal-partijiet u tal-Perit Zammit, il-Qorti tillikwida fuq bazi ekwitattiva s-somma ta' mija u hamsin Euro (€150) rapprezentanti l-valur tax-xoghlijiet li baqghu ma gewx kompletati mill-attur izda li gew stmati fil-kont finali tieghu a fol. 3. Dan l-ammont ghandu jitnaqqas mill-kont finali tal-attur b'dan li l-bilanc dovut lill-attur huwa ta' elfejn tmien mija u tlieta u hamsin Euro (€2,853.00) u f'dan is-sens tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanti.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' l-appell in parte u tvarja s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar billi tirrevoka l-parti fejn ordnat lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' tliet elef u tliet Euro (€3,003) lill-attur u minflok tordnalha thallas lill-attur is-somma ta' elfejn tmien mija u tlieta u hamsin Euro (€2,853.00), u tikkonferma s-sentenza ghall-kumplament.**

**Bl-ispejjez taz-zewg istanzi jinqasmu in kwantu ghal 95% a karigu tal-appellanti u 5% a karigu tal-appellat.**

Anthony Ellul.